# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*


## Seduta numru 15 tas-7 Leġislatura
## Illum l-Erbgħa 16 ta' April 2014

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 15 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 16 ta' April 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Analizi Festa Frawli 2014
5. Proposta ta' Ftehim ta' Ġemellaġġ ma' Lagosanto, l-Italja
6. Programm ta' Attivitajiet għas-Sajf 2014
7. Attivita' Victory Day f' Mejju
8. Permess għall-Via Sagra
9. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, Elaine Vella flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, Paul Vella.

### 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

### 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku ressaq proposta sabiex jinbeda l-proġett tad-Devoluzzjoni għas-sit magħruf bħala Tal-Ballut. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.2 Is-Sindku ppropona li il-Kunsill jerġa jqajjem it-talba għall-garaxx fi' Triq il-Karamelli, liema talba kienet diġa' saret lill-Awtorita' tad-Djar.

3.4 Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa ta' koordinament mal-Universita' ta' Malta dwar il-proġett ta' L-Għasfura.

3.5 Elizabeth Ebejer infurmat li fil-21 ta' Marzu kellha laqgħa mal-kap tal-iskola, Ms Antonella Ferrante. Waqt din il-laqgħa tqajjem il-punt li fil-ground tal-iskola kien hemm bżonn ta' ftit landscaping u tiġi rranġata il-ħamrija u jiżdiedu ftit arbuxelli.

3.6 Mario Sammut informa li il-Wasteserv kienu ser jorganizzaw seminar u workshop mat-tfal tal-iskola.

**4. Analizi Festa Frawli 2014**

4.1 Saret analiżi dwar Festa Frawli 2014.

4.2 Il-Kunsill wera' s-sodisfazzjon tiegħu għar-rispons li kien hemm mit-tfal tal-iskejjel għall-kompetizzjoni tat-tpinġija, li fiha pparteċipaw aktar minn 400 student.

4.4 Mario Sammut semma' li kien hemm koordinament tajjeb mal-pulizija u li il-laqgħat magħhom taw il-frott mixtieq. Semma' wkoll li l-immaniġjar tat-traffiku kien tajjeb ħafna, u l-parkeġġi fl-għelieqi għenu ħafna sabiex tittaffa l-problema fit-toroq.

4.5 Clayton Gauci semma' li fis-snin li ġejjin, ta' min jikkonsidra l-għeluq ta' Triq Binġemma għat-traffiku.

**5. Proposta ta' Ftehim ta' Ġemellaġġ ma' Lagosanto, l-Italja**

5.1 Wara korrispondenzi mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kif ukoll wara il-laqgħa li is-Sindku, id-Deputat Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom mad-Direttur

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

għall-Gvern Lokali, il-Kunsill iddiskuta ir-rapport li għandu jiġi ppreżentat lid-Dipartiment sabiex jinbeda' il-proċess ta' ftehim ta' ġemellaġġ mal-lokalita' ta' Lagosanto fl-Italja.

5.2 Dan ir-rapport, imħejji minn Evan Vella, kellu l-approvazzjoni tal-Kunsill u ser jintbgħat lid-Dipartiment sabiex jinbeda' l-proċess.

**6. Programm ta' Attivitajiet għas-Sajf 2014**

6.1 Il-Kunsill iddiskuta il-programm tal-attivitajiet li ser ikunu qed jiġu ppjanati għax-xhur li ġejjin.

6.2 Eman Vella informa li il-Majjistral Action Group kien ser jorganizza festival fix-xahar ta' Ġunju.

6.3 F' Awissu hemm il-ħsieb li terġa tittella' il-Lejla Mġarrija, attivita' annwali fil-ġimgħat ta' qabel il-festa ta' Santa Marija.

6.4 Elizabeth Ebejer ipproponiet li ssir attivita' fil-Knisja Parrokkjali dwar il-patrimonju storiku u artistiku tal-knisja fiż-żmien ta' qabel il-festa. Ġiet proposta id-data tat-2 ta' Awwissu. Il-Kunsill qabel ma' dan.

6.5 Is-Sindku ppropona li matul iż-żjara f' Malta ta' Dr. David H. Trump (l-arkeologu li kien strumentali għas-sejba tat-Tempji ta' Skorba), ssir attivita' u żjara kulturali immirata l-aktar għal-żgħażagħ bejn it-13 u it-18 -il sena. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

6.6 Eman Vella ppropona li ssir lejla ta' għana u folklor f' Ta' Darrenzi il-Ġimgħa 26 ta' Settmbru. Il-Kunsill approva u Eman Vella ser ikun qed jikkoordina.

**7. Attivita' Victory Day f' Mejju**

7.1 Nhar il-Ħadd 11 ta' Mejju ser issir l-attivita' tal-Victory Day. Dak in-nhar ser issir quddiesa fl-10:30am u wara, il-banda ddoqq fanfara quddiem il-mafkar tal-vittmi tal-gwerra u jitpoġġew girlandi.

7.2 Bħala parti minn din it-tifkira għandha tiġi organizzata wkoll wirja ta' karozzi taż-żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

7.3 Fl-istess ġurnata ser jiġi miftuħ uffiċċjalment is-shooting club tar-rifles fil-lokalita'.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

**8. Permess għall-Via Sagra**

8.1 Il-Kunsill iddiskuta il-ħruġ tal-permess għall-installazzjoni tal-Via Sagra fi' Triq ir-Ruħ.

8.2 Il-Kunsill iddiskuta wkoll ir-reazzjoni li kien hemm fil-gazzetti dwar dan u li din il-kontroversja ġiet risposta uffiċċjalment mill-Kunsill permezz ta' Press-Release li dehret fil-gazzetti.

8.3 Issa li l-Kunsill kellu l-permess tal-MEPA ser ikun qed jara li din l-installazzjoni issir u li l-bankina fl-istess triq titwessa'.

**9. Affarijiet Mixxellanji**

9.1 Mario Sammut ippropona li ssir djalogu għaż-żgħażagħ ma' uħud mill-kandidati għall-Elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

9.2 Evan Vella ressaq proposta sabiex l-oqbra li kienu instabu fis-sit fejn kellu isir il-Ġnien qrib ir-roundabout ta' Binġemma jitgħattew ħalli ma ssirilhomx aktar ħsara.

9.3 Mario Sammut informa li fl-1 ta' Mejju ser issir attivita' artistika mill-Olaf Schabbach f' Villa Tempra.

9.4 Elizabeth Ebejer semmiet li issa li kien ser jinfetaħ il-Park tal-Majjistral, kellhom isiru xi sinjali dwar dan sabiex jidderiġi lin-nies lejn dan is-sit.

9.5 Elizabeth Ebejer pproponiet li issa li kien imbidel is-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, il-Kunsill kellu jipprova jagħmel laqgħa mal-Onorevoli Stefan Buontempo. Il-Kunsill qabel li din il-laqħa tissejjaħ fi' ftit żmien ieħor.

9.6 Mario Sammut ippropona li jsir Librarian Prize.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fid-9:05pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 12 ta' Mejju 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku